IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 17.12.2010
KUMM(2010) 767 finali

2010/0370 (COD)

Abbozz ta'

REGOLAMENT (UE) Nru …/.. TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' …

li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. ALLINJAMENT MAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA (TFUE)

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħmel distinzjoni ċara bejn min-naħa s-setgħat delegati lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti mhux leġiżlattivi (atti delegati) ta' applikazzjoni ġenerali li jikkumplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv, kif stabbilit fl-Artikolu 290, u min-naħa l-oħra, is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti ta' implimentazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 291.

Fil-każ tal-atti delegati, il-Leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta miżuri kważi leġiżlattivi. Fil-każ tal-atti ta' implimentazzjoni, il-kuntest huwa differenti ħafna. Fil-fatt, l-Istati Membri huma l-ewwel nett responsabbli mill-implimentazzjoni tal-atti legalment vinkolanti tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, jekk l-implimentazzjoni ta' dak l-att leġiżlattiv tkun teħtieġ kundizzjonijiet uniformi ta' implimentazzjoni, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tadottahom.

L-eżerċizzju ta' allinjament tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 mar-regoli l-ġodda tat-Trattat huwa bbażat fuq klassifikazzjoni ta' setgħat delegati u setgħat ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Kummissjoni skont dak ir-Regolament (ir-Regolament (KE) Nru 1914/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006).

Wara dan l-eżerċizzju, tħejja abbozz ta' proposta ta' riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006. Dan l-abbozz jippermetti lil-Leġiżlatur is-setgħat li jieħu deċiżjonijiet dwar l-elementi essenzjali ta' arranġament speċifiku għall-ċerti prodotti agrikoli fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet li jirriżultaw mill-iżolament tagħhom, id-distanza, l-insularità, iċ-ċokon, il-muntanji, il-klima u d-dipendenza ekonomika tagħhom fir-rigward tal-għadd żgħir ta' prodotti li jipproduċu.

Il-linji gwida ġenerali ta' dawn l-arranġamenti u l-prinċipji ġenerali li fuqhom huma bbażati huma ddeterminati mil-Leġiżlatur. Għaldaqstant, l-għanijiet tal-miżuri introdotti permezz ta' dawn l-arranġamenti speċifiċi u l-prinċipji ta' programmazzjoni, ta' kompatibbiltà u ta' konsistenza mal-politiki l-oħrajn tal-Unjoni huma definiti mil-Leġiżlatur. Barra minn hekk, il-Leġiżlatur jipprovdi l-prinċipji għall-istabbiliment ta' sistema ta' ċertifikati u tal-applikazzjoni ta' sanzjonijiet, tnaqqis u esklużjonijiet.

Skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Leġiżlatur jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tikkompleta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali. Att delegat tal-Kummissjoni jista' għalhekk jistabbilixxi l-elementi addizjonali meħtieġa għall-funzjonament kif suppost tal-arranġamenti definiti mil-Leġiżlatur. Għalhekk, il-Kummissjoni tadotta, permezz ta' att delegat, il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-operaturi fir-reġistru taċ-ċertifikati u, jekk ikun meħtieġ fir-rigward tas-sitwazzjoni ekonomika, hija timponi l-għotja ta' garanzija għall-ħruġ taċ-ċertifikati (l-Artikolu 11(2)). Bl-istess mod, il-Leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa biex tkun tista' tadotta miżuri relatati mal-istabbilment tal-proċedura tal-adozzjoni tal-emendi fil-programm (l-Artikolu 6(3)), il-kundizzjonijiet tal-ipproċessar (l-Artikolu 13(3)), il-kundizzjonijiet tal-istabbilment tal-ammonti ta' għajnuna (l-Artikolu 15(4) u 18(4)), u s-sanzjonijiet (l-Artikolu 14(2)).

L-Istati Membri, skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-arranġamenti definiti mil-Leġiżlatur. Għalhekk jidher li huwa neċessarju li jkun żgurat li l-Greċja tapplika b'mod uniformi l-arranġament għall-gżejjer żgħar fil-baħar Eġew bl-istess mod ta' arranġementi oħrajn simili biex ikunu evitati d-distorzjonijiet kompetittivi jew diskriminatorji fost l-operaturi. Konsegwentament, il-Leġiżlatur jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 291(2) tat-Trattat, rigward, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet uniformi relatati mal-arranġamenti taċ-ċertifikati u l-impenn tal-operaturi fir-rigward tal-arranġamenti speċifiċi tal-provvista (l-Artikolu 11(3), il-kundizzjonijiet uniformi tal-implimentazzjoni tal-programm (l-Artikolu 6(2), 15(3) u 18(3)), u qafas ġenerali tal-kontrolli li l-Greċja għandha tapplika (l-Artikolu 7, 12(2) u 14(1)).

2. EMENDI SOSTANTIVI

Minħabba li mill-adozzjoni tiegħu, fit-18 ta' Settembru 2006, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri tal-Eġew, kien suġġett għal bosta emendi, qed jiġi propost li ssir riformulazzjoni tiegħu għal raġunijiet ta' ċarezza.

Barra minn hekk, l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-implimentazzjoni prattika ta' dan ir-Regolament li seħħew mill-adozzjoni tiegħu wkoll jitolbu li jiġu emendati wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu u li titfassal mill-ġdid l-istruttura tat-test leġiżlattiv sabiex ikun adattat aħjar għar-realtà ta' dawn l-arranġamenti.

Dan ir-Regolament ġdid jindika b'mod aktar espliċitu l-għanijiet prinċipali tal-arranġamenti li biex dawn jinkisbu għandu jkun hemm il-kontribuzzjoni tal-miżuri speċifiċi favur l-agrikoltura fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew (Artikolu 2).

Din l-istruttura l-ġdida għandha tenfasizza r-rwol ċentrali tal-programm ta' għajnuna speċifiku għall-gżejjer minuri fil-baħar Eġew fl-aktar livell li jixraq u koordinat mill-Greċja. Dan il-programm jiffoka fuq iż-żewġ aspetti fundamentali tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista u l-miżuri speċifiċi għall-produzzjoni lokali (Artikolu 3).

Saru emendi minuri oħrajn fit-test tar-Regolament, b'mod partikolari:

(1) Il-proċedura għas-sottomissjoni tal-programm u tal-emendi tiegħu lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni ġiet iċċarata sabiex tkun aktar konsistenti mal-prattika attwali u mal-ħtieġa li jkun hemm aktar flessibbiltà u effiċjenza fl-adattament tal-programm għall-ħtiġijiet reali tal-agrikoltura u tal-provvista ta' prodotti essenzjali tal-gżejjer minuri fil-baħar Eġew (l-Artikolu 6).

(2) Fl-Artikolu 10, ġie speċifikat li l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista għandhom ikunu mfassla skont il-produzzjoni agrikola lokali, li l-iżvilupp tagħha ma għandux ikun limitat minn għajnuniet għall-provvisti kbar wisq għal prodotti li jiġu prodotti wkoll lokalment. Din id-dispożizzjoni hija kkunsidrata neċessarja biex il-kompatibbiltà bejn iż-żewġ strumenti tal-arranġamenti tkun mandatorja.

(3) Sabiex tkun żgurata ġestjoni baġitarja xierqa, fil-programm tagħha l-Greċja għandha tindika l-lista ta' għajnuniet li jikkostitwixxu pagamenti diretti (Artikolu 15(2d)).

(4) Huwa wkoll utli li jiġi indikat il-mod kif huwa definit l-ammont tal-għajnuna għall-miżuri favur il-produzzjonijiet agrikoli lokali, li qabel ma kienx indikat fl-att bażiku (l-Artikolu 15(2)(e)).

(5) Il-limitu massimu għall-finanzjament tal-arranġementi speċifiċi tal-provvista żdied b'20 % (l-Artikolu 18(3)), wara li l-Qorti tal-Awdituri indikat li l-fondi allokati ma kinux suffiċjenti.

(6) Finalment, id-data tal-preżentazzjoni tar-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni fis-sena preċedenti tal-miżuri previsti għall-programm ta' għajnuna, tressqet b'xahar sabiex l-awtoritajiet Griegi jkollhom il-possibbiltà li fir-rapport jikkunsidraw l-aħħar stqarrija tal-infiq għall-miżuri li jassistu l-produzzjoni agrikola lokali.

Ir-Regolament ma jibdilx is-sors tal-finanzjament u anqas l-intensità tal-għajnuna Komunitarja.

2010/0370 (COD)

Abbozz ta'

REGOLAMENT (UE) Nru …/.. TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' …

li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea[1],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[4],

Billi:

(1) Ġew stabbiliti miżuri speċifiċi fil-qasam agrikolu biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet b'riżultat tas-sitwazzjoni ġeografika partikolari f'uħud mill-ġżejjer minuri fil-baħar Eġew permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 tat-18 ta' Settembru 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri tal-Eġew u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003[5]. Dawn il-miżuri ġew implimentati permezz tal-programm ta' għajnuna li jirrapreżenta għodda essenzjali għall-provvista ta' prodotti agrikoli lil dawn il-gżejjer u għall-għajnuna fil-produzzjoni agrikola lokali. Minħabba emendi ġodda li huma verament meħtieġa u wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1405/2006 jitħassar u jiġi sostitwit b'test ġdid.

(2) Jeħtieġ li jiġu speċifikati l-għanijiet fundamentali li l-kisba tagħhom tista' sseħħ bil-kontribuzzjoni tal-arranġamenti għall-gżejjer minuri fil-baħar Eġew.

---

1 ĠU C [...], [...], p. [...].
2 ĠU C [...], [...], p. [...].
3 ĠU C [...], [...], p. [...].
4 ĠU C [...], [...], p. [...].
5 ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1).

(3) Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat ukoll il-kontenut tal-programm ta' għajnuna għall-gżejjer minuri fil-baħar Eġew (minn hawn 'il quddiem "il-programm tal-għajnuna") fejn il-Greċja jeħtiġilha tistabbilixxi fil-livell ġeografiku l-aktar xieraq, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u tissottomettieh lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

(4) Sabiex jinkisbu aħjar l-għanijiet tal-arranġamenti favur il-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, il-programm ta' għajnuna għandu jinkludi miżuri li jiggarantixxu l-provvista ta' prodotti agrikoli u l-preservazzjoni u l-iżvilupp tal-produzzjonijiet agrikoli lokali. Jeħtieġ li l-livell tal-programmazzjoni jkun armonizzat u li jkun hemm approċċ sistematiku ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru.

(5) Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà u fl-ispirtu ta' flessibbiltà li huma l-bażi tal-approċċ tal-programmazzjoni adottat għall-arranġamenti favur il-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, l-awtoritajiet maħtura mill-Greċja jistgħu jipproponu emendi fil-programm sabiex jadattawh għar-realtà ta' dawn il-gżejjer. Fl-istess spirtu, il-proċedura tal-emendi tal-programm għandha tkun adattata għal-livell ta' rilevanza ta' kull tip ta' emenda.

(6) Is-sitwazzjoni ġeografika partikolari ta' uħud mill-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, timponi spejjeż ta' trasport addizzjonali fil-provvista ta' prodotti essenzjali għall-konsum tal-bniedem, għall-ipproċessar jew bħala taxxi fuq id-dħul agrikolu. Barra minn hekk, fatturi oġġettivi oħrajn li jirriżultaw mill-iżolament, l-insularità u d-distanza jimponu aktar xkiel għall-operaturi ekonomiċi u l-produtturi ta' dawn il-gżejjer fil-baħar Eġew li jolqtu l-attivitajiet tagħhom b'mod negattiv. F'ċerti każijiet, l-operaturi u l-produtturi jbatu minn insularità doppja, l-aktar minħabba l-fatt li l-provvista tkun qed issir permezz ta' gżejjer oħrajn. Dawn in-nuqqasijiet jistgħu jittranġaw billi jitbaxxew l-prezzijiet ta' dawk il-prodotti essenzjali. Għaldaqstant jaqbel li jiġu introdotti arranġamenti speċifiċi ta' provvista biex jiggarantixxu l-provvista tal-gżejjer minuri fil-baħar Eġew u jikkumpensaw għall-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mid-distanza, l-insularità u ċ-ċokon tagħhom.

(7) Il-problemi tal-gżejjer minuri fil-baħar Eġew huma aċċentwati biċ-ċokon tagħhom. Sabiex tkun garantita l-effettività tal-miżuri previsti, dawn il-miżuri għandhom jindirizzaw biss dawn il-gżejjer ċkejknin.

(8) Sabiex jintlaħaq l-għan li jitbaxxew il-prezzijiet fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew u jitnaqqsu l-ispejjeż żejda minħabba l-insularità u d-distanza, filwaqt li tinżamm il-kompetittività tal-prodotti tal-Unjoni, għandha tingħata għajnuna għall-provvista ta' prodotti tal-Unjoni fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew. Din l-għajnuna għandha tqis l-ispejjeż żejda tat-trasport lejn il-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, u fil-każ ta' taxxa fuq id-dħul agrikolu jew fil-prodotti intenzjonati għall-ipproċessar, għandhom jitqiesu l-ispejjeż minħabba l-insularità u ċ-ċokon.

(9) Biex ikunu evitati l-ispekulazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-utenti finali fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, jeħtieġ ikun speċifikat li l-prodotti ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli biss jistgħu jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi tal-provvista.

(10) Ġaladarba l-kwantitajiet koperti bl-arranġamenti ta' provvisti speċifiċi huma limitati għall-ħtiġijiet tal-provvista tal-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, dawk l-arranġamenti ma għandhomx ifixklu l-funzjonament kif suppost tas-suq intern. Barra minn hekk, il-vantaġġi ekonomiċi tal-arranġamenti speċifiċi tal-provvista ma għandhomx joħolqu

devjazzjonijiet fil-kummerċ tal-prodotti konċernati. Għaldaqstant il-ħruġ jew l-esportazzjoni ta' dawn il-prodotti mill-gżejjer minuri fil-baħar Eġew għandhom ikunu pprojbiti. Madankollu, il-ħruġ jew l-esportazzjoni ta' dawn il-prodotti għandhom ikunu awtorizzati meta l-vantaġġ li jirriżulta mill-arranġamenti speċifiċi tal-provvista jkun rimborsat.

(11) Fil-każ tal-prodotti pproċessati, għandu jkun awtorizzat l-iskambju bejn il-gżejjer minuri fil-baħar Eġew biex ikun possibbli l-kummerċ bejniethom. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-flussi kummerċjali fi ħdan il-kummerċ reġjonali u l-esportazzjonijiet u l-ħruġ tradizzjonali mal-bqija tal-Unjoni jew il-pajjiżi terzi, u b'riżultat ta' dan, l-esportazzjonijiet ta' prodotti pproċessati li jikkorrispondu mal-flussi ta' skambji tradizzjonali, għandha tkun awtorizzata.

(12) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-arranġamenti, il-vantaġġi ekonomiċi tal-arranġamenti speċifiċi tal-provvista għandhom jirriflettu l-livell tal-kostijiet ta' produzzjoni u għandhom ibaxxu l-prezzijiet sa ma jintlaħaq l-utent aħħari. Għalhekk għandhom jingħataw biss bil-kundizzjoni li fil-fatt jibqgħu għaddejjin minn stadju għall-ieħor, u għandhom jidħlu fis-seħħ il-kontrolli meħtieġa.

(13) Jeħtieġ li jiġu introdotti regoli għall-funzjonament tal-arranġamenti, l-aktar f'dak li jirrigwarda l-ħolqien ta' reġistru tal-operaturi u ta' sistema ta' ċertifikati mfassla fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 161 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [6].

(14) Il-politika tal-Unjoni favur il-produzzjoni lokali fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1405/2006 tikkonċerna diversi prodotti u miżuri favur il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-ipproċessar tagħhom. Dawn il-miżuri urew li huma effettivi u żguraw iż-żamma tal-attivitajiet agrikoli u l-iżvilupp tagħhom. L-Unjoni għandha tkompli tgħin lil din il-produzzjoni, li hija fattur ewlieni fil-bilanċ ambjentali, soċjali u ekonomiku tal-gżejjer minuri fil-baħar Eġew. L-esperjenza wriet li, bħal fil-każ tal-politika dwar l-iżvilupp rurali, l-isħubija aktar mill-qrib mal-awtoritajiet lokali tista' tgħin biex jiġu indirizzati aktar direttament il-problemi speċifiċi tal-gżejjer milquta. Għalhekk hemm lok fejn titkompla l-għajnuna favur il-produzzjonijiet lokali permezz tal-programm ta' għajnuna, stabbilit għall-ewwel darba permezz tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006.

(15) Jeħtieġ li jiġu ddeterminati l-elementi minimi li għandhom jingħataw fil-programm ta' għajnuna biex ikunu definiti l-miżuri favur il-produzzjonijiet agrikoli lokali, b'mod partikolari, għandhom jiġu stabbiliti d-deskrizzjoni tal-post, l-istrateġija proposta, l-għanijiet u l-miżuri . Jeħtieġ ukoll li jiġu spjegati l-prinċipji ta' konsistenza ta' dawn il-miżuri mal-politiki l-oħrajn tal-Unjoni biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' kompatibbiltà u l-koinċidenza tal-għajnuniet multipli.

(16) Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tiegħu, il-programm ta' għajnuna jista' jkun fih ukoll miżuri għall-finanzjament tal-istudji, ta' proġetti dimostrattivi, ta' taħriġ u tal-assistenza teknika.

---

[6] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(17) Il-produtturi agrikoli tal-gżejjer minuri fil-baħar Eġew għandhom jiġu mħeġġa jfornu prodotti ta' kwalità u jiffavorixxu t-tqegħid fis-suq ta' dawn il-prodotti.

(18) Tista' tingħata deroga mill-politika konsistenti tal-Kummissjoni biex ma jiġux awtorizzati għajnuniet mill-Istat għall-funzjonament fis-settur tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli koperti mill-Anness I għat-Trattat sabiex jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi tal-produzzjoni agrikola tal-gżejjer minuri fil-baħar Eġew minħabba l-iżolament tagħhom, id-distanza, l-insularità, iċ-ċokon, il-muntanji, il-klima u d-dipendenza ekonomika fuq għadd żgħir ta' prodotti.

(19) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandiex tipperikola l-livell ta' għajnuna speċifika li s'issa bbenefikaw minnha il-gżejjer minuri fil-baħar Eġew. Għal din ir-raġuni, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-miżuri li jixirqu, il-Greċja għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha ammonti ekwivalenti ta' għajnuna bħal dawk mogħtija mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1405/2006.

(20) Mill-2007, ir-rekwiżiti tal-prodotti essenzjali kibru fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, minħabba t-tkabbir tal-merħla u tal-pressjoni demografika. Jeħtieġ għalhekk li tiżdied il-parti tal-baġit li l-Greċja tista' tuża għall-arranġamenti speċifiċi ta' provvista fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew.

(21) Sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-elementi kollha rigward l-implimentazzjoni tal-programm ta' għajnuna għas-sena preċedenti u biex il-Kummissjoni tiġi ppreżentata b'rapport ta' evalwazzjoni annwali kompluta, id-data għas-sottomissjoni tar-rapport imsemmi għandha tkun posposta mit-30 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara s-sena ta' referenza.

(22) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat, sabiex tikkompleta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament. Jeħtieġ li jiġu limitati l-oqsma li fihom tista' tiġi eżerċitata din is-setgħa kif ukoll il-kundizzjonijiet li għandha tkun soġġetta għalihom id-delega.

(23) Biex tkun żgurata implimentazzjoni uniformi tal-arranġamenti favur il-gżejjer minuri fil-baħar Eġew ma' arranġamenti oħrajn simili u biex tkun evitata d-distorsjoni fil-kompetizzjoni jew diskriminazzjonijiet bejn l-operaturi, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291(2) tat-Trattat. Jeħtieġ, għalhekk, li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni taħt dik id-dispożizzjoni li jirrigwardaw b'mod partikolari l-kundizzjonijiet uniformi li l-prodotti soġġetti għall-arranġamenti speċifiċi ta' provvista jidħlu, joħorġu u jiċċirkolaw fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew, il-kundizzjonijiet uniformi tal-implimentazzjoni tal-programm, kif ukoll il-karatteristiċi minimi tal-kontrolli li l-Greċja għandha tapplika.

(24) Il-Kummissjoni għandha tadotta dawn l-atti ta' implimentazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru xxx/xxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali marbuta mal-mekkaniżmi ta' kontroll min-naħa tal-Istati Membri permezz tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni[7],

[7] ĠU L […], […], p. […].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

AMBITU

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistipula miżuri agrikoli speċifiċi biex jiġu rimedjati d-diffikultajiet li jirriżultaw mill-iżolament, id-distanza, l-insularità u ċ-ċokon tal-gżejjer minuri fil-bażar Eġew, minn issa 'l quddiem "il-gżejjer minuri"

2. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, "il-gżejjer minuri" tfisser il-gżejjer kollha fil-baħar Eġew, apparti Kreta u Euboea.

Artikolu 2

Għanijiet

1. Il-miżuri speċifiċi pprovduti fl-Artikolu 1 għandhom jikkontribwixxu għall-kisba ta’ dawn l-għanijiet:

   a) il-garanzija tal-provvista ta' prodotti essenzjali lill-gżejjer minuri għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar u għat-taxxa fuq id-dħul agrikolu u biex jittaffew l-ispejjeż żejda tad-distanza, l-insularità u ċ-ċokon;

   b) il-preservazzjoni u l-iżvilupp tal-attivitajiet agrikola fil-gżejjer minuri, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti lokali.

2. L-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu implimentati permezz tal-miżuri msemmija fil-Kapitoli III, IV u V.

KAPITOLU II

PROGRAMM TA' GĦAJNUNA

Artikolu 3

Stabbilment ta' programm ta' għajnuna

1. Il-miżuri pprovduti fl-Artikolu 1 huma definiti għall-gżejjer minuri għall-programm ta' għajnuna, li għandu jinkludi:

a) arranġamenti speċifiċi ta' provvista, kif ipprovdut fil-Kapitolu III, u

b) miżuri speċifiċi favur il-produzzjonijiet agrikoli lokali, kif ipprovdut fil-Kapitolu IV.

2. Il-programm ta' għajnuna għandu jiġi stabbilit fil-livell ġeografiku li huwa meqjus l-aktar xieraq mill-Greċja. Dan għandu jitfassal mill-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru li, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet kompetenti fil-livell territorjali xieraq, għandu jressqu quddiem il-Kummissjoni għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 6.

Artikolu 4

Kompatibbiltà u koerenza

1. Il-miżuri meħuda fl-ambitu tal-programm ta' għajnuna għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-Unjoni, u jkunu konsistenti ma' politiki oħrajn tal-Unjoni u mal-miżuri meħuda skont din il-politika.

2. Il-konsistenza tal-miżuri meħuda fl-ambitu tal-programm ta' għajnuna b'miżuri implimentati taħt strumenti oħrajn tal-politika agrikola komuni, u b'mod partikolari fl-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq, l-iżvilupp rurali, il-kwalità tal-prodotti, il-ħarsien tal-annimali u l-protezzjoni tal-ambjent, trid tkun żgurata.

B'mod partikolari, l-ebda miżura skont dan ir-Regolament ma għandha tkun iffinanzjata bħala:

a) għajnuna għal arranġamenti addizzjonali għal sussidju jew skemi ta' għajnuna fl-ambitu ta' organizzazzjoni komuni tas-suq ħlief f'każijiet eċċezzjonali ġġustifikati minn kriterji oġġettivi;

b) għajnuna għal proġetti ta' riċerka, miżuri ta' għajnuna għal proġetti ta' riċerka jew miżuri eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2009/470/KE[8];

c) għajnuna għall-miżuri fl-ambitu tal-applikazzjoni tar-Regolament [tal-Kunsill] (KE) Nru 1698/2005[9].

Artikolu 5

Kontenut tal-programm ta' għajnuna

Il-programm ta' għajnuna jinkludi:

a) skeda għall-implimentazzjoni tal-miżuri u tabella finanzjarja ġenerali annwali indikattiva li turi r-riżorsi li għandhom jintużaw;

---

[8] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.

[9] [ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.]

b) prova tal-kompatibbiltà u l-konsistenza bejn id-diversi miżuri tal-programmi kif ukoll id-definizzjoni tal-kriterji u l-indikaturi kwantitattivi li għandhom jintużaw għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

c) id-dispożizzjonijiet meħuda biex jiġi żgurat li l-programm huwa implimentat b'mod effettiv u adegwat, inkluż il-materjal għall-pubblikità, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, u sett speċifiku ta' indikaturi kwantifikati għall-użu fl-evalwazzjoni;

d) il-ħatra ta' awtoritajiet kompetenti u korpi responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm u l-ħatra ta' awtoritajiet jew ta' korpi assoċjati u msieħba soċjoekonomiċi fil-livelli xierqa, u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru.

Artikolu 6

Approvazzjoni u emendi tal-programm

1. Il-Greċja għandha tippreżenta lill-Kummissjoni abbozz tal-programm ta' għajnuna fil-qafas tal-allokazzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 18(2) u (3).

   L-abbozz tal-programm jinkludi abbozz tal-bilanċ previst tal-provvista li jindika l-prodotti, il-kwantitajiet tagħhom u l-ammont ta' għajnuna għall-provvista mill-Unjoni, flimkien ma' abbozz tal-programm ta' għajnuna għall-produzzjonijiet lokali.

   Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-programm ta' għajnuna propost u tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni tiegħu permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

2. Skont l-evalwazzjoni annwali tal-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-programm ta' għajnuna, il-Greċja tista' tissottometti lill-Kummissjoni proposti għall-emendi fihom, fil-qafas tal-allokazzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 18(2) u (3), sabiex jadattawhom aħjar għall-ħtiġijiet tal-gżejjer minuri u għall-istrateġija proposta. Il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att ta' implimentazzjoni l-miżuri uniformi għas-sottomissjoni tal-proposti ta' emendi fil-programm.

3. Sabiex jiġu kkunsidrati t-tipi differenti ta' emendi proposti kif ukoll l-iskadenza li fiha għandhom jiġu implimentati, il-Kummissjoni għandha tiddetermina permezz ta' att delegat il-proċedura ta' approvazzjoni tal-emendi.

Artikolu 7

Kontrolli u monitoraġġ

Il-Greċja għandha twettaq il-kontrolli permezz ta' kontrolli amministrattivi u dawk ta' fuq il-post. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi, il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att ta' implimentazzjoni l-karatteristiċi minimi tal-kontroll li għandha tapplika l-Greċja.

Permezz tal-istess tip ta' att, il-Kummissjoni għandha tadotta wkoll il-proċeduri u l-indikaturi fiżiċi u finanzjarji sabiex tiżgura monitoraġġ effikaċi tal-implimentazzjoni tal-programm.

KAPITOLU III

ARRANĠAMENTI SPEĊIFIĊI TAL-PROVVISTA

Artikolu 8

Bilanċ previst tal-provvista

1. Qed jiġi stabbilit arranġament speċifiku tal-provvista għal prodotti agrikoli tal-Unjoni elenkati fl-Anness I għat-Trattat (minn hawn 'il quddiem "il-prodotti agrikoli"), li huma essenzjali fil-gżejjer minuri għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar ta' prodotti oħrajn jew bħala taxxa fuq dħul agrikolu.

2. Il-Greċja għandha tistabbilixxi l-livell ġeografiku li l-aktar jixraq, bilanċ previst tal-provvista għall-kwantifikazzjoni tar-rekwiżiti annwali tal-provvista fil-gżejjer minuri fir-rigward tal-prodotti agrikoli.

   Tista' ssir previżjoni separata tal-bilanċ għar-rekwiżiti tal-intrapriżi tal-ippakkjar jew l-ipproċessar ta' prodotti maħsuba għas-suq lokali, għat-tqassim fil-bqija tal-Unjoni jew għal esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, bħala parti mill-kummerċ reġjonali f'konformità maal-Artikolu 13(2) u (3), jew fi ħdan il-kuntest tal-flussi tradizzjonali tal-kummerċ.

Artikolu 9

Funzjonament tal-arranġamenti

1. Qed tiġi stabbilita għajnuna għall-provvista ta' prodotti agrikoli lill-gżejjer minuri.

   L-ammont tal-għajnuna għandu jkun iffissat għal kull prodott konċernat u jikkunsidra l-ispejjeż addizzjonali tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti f'dawn il-gżejjer minuri, ikkalkulati mill-portijiet tal-Greċja kontinentali li minnhom normalment jitilqu il-provvisti, u mill-portijiet tal-gżejjer ta' transitu jew tat-tagħbija ta' prodotti għall-gżejjer tad-destinazzjoni finali. Fil-każ ta' taxxa fuq id-dħul agrikolu jew ta' prodotti intenzjonati għall-ipproċessar, id-determinazzjoni tal-għajnuna għandha tikkunsidra l-ispejjeż addizzjonali minħabba l-insularità u ċ-ċokon.

2. Il-prodotti agrikoli ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli biss għandhom jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi tal-provvista.

Artikolu 10

Implimentazzjoni

L-arranġamenti speċifiċi tal-provvista għandhom ikunu implimentati b'mod li jikkunsidraw dan li ġej:

a) il-bżonnijiet speċifiċi tal-gżejjer minuri u r-rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità;

b) iċ-ċirkolazzjoni tan-negozju tradizzjonali fil-portijiet tal-Greċja kontinentali u bejn il-gżejjer fil-baħar Eġew;

c) l-aspett ekonomiku tal-għajnuniet proposti;

d) fejn applikabbli, il-ħtieġa li ma jkunx hemm tfixkil tal-possibbiltajiet ta' żvilupp tal-prodotti lokali.

Artikolu 11

Ċertifikati

1. L-għajnuna prevista fl-Artikolu 9(1), għandha tingħata meta jiġi ppreżentat ċertifikat.

Iċ-ċertifikati jinħarġu biss lil dawk l-operaturi mniżżla f'reġistru miżmum mill-awtoritajiet kompetenti.

Iċ-ċertifikati u l-liċenzji mhumiex trasferibbli.

2. Biex ikun garantit l-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet tal-operaturi biex jieħdu sehem fl-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, il-Kummissjoni għandha tiddetermina permezz ta' att delegat il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-operaturi fir-reġistru u, jekk ikun meħtieġ, timponi l-għoti ta' garanzija għall-ħruġ taċ-ċertifikati.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att ta' implimentazzjoni l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiżgura l-applikazzjoni uniformi mill-Greċja ta' dan l-Artikolu li speċifikament jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-iskema taċ-ċertifikati, għajr għall-għoti ta' garanzija għaċ-ċertifikati, u l-impenn tal-operaturi meta jirreġistraw.

Artikolu 12

Impatt tal-benefiċċju

1. Il-benefiċċju tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista li jirriżulta mill-għotja tal-għajnuna għandu jkun soġġett għall-kundizzjoni li l-impatt tal-vantaġġ ekonomiku sal-utent finali li, skont il-każ, jista' jkun il-konsumatur fil-każ tal-prodotti maħsuba għall-konsum dirett, min jipproċessa jew jippakkja l-aħħar fil-każ tal-prodotti maħsuba għall-industrija tal-ipproċessar jew tal-ippakkjar, jew il-bdiewa fil-każ tal-prodotti użati għall-għalf tal-annimali jew bħala kontributi agrikoli.

2. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att ta' implimentazzjoni r-regoli prattiċi għall-applikazzjoni tiegħu u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet għall-kontroll mill-Istat Membru tar-riperkussjoni effettiva tal-vantaġġ sal-utent aħħari.

Artikolu 13

Esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u spedizzjoni lejn il-bqija tal-Unjoni

1. Il-prodotti koperti mill-arranġamenti speċifiċi ta’ provvista jistgħu jkunu esportati lejn pajjiżi terzi jew spediti lejn il-bqija tal-Unjoni biss taħt kundizzjonijiet uniformi, stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta’ att ta' implimentazzjoni.

   Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jinkludu b'mod partikolari r-rimbors tal-għajnuna mogħtija taħt arranġament speċifiku tal-provvista.

   L-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi tal-prodotti koperti mill-arranġamenti speċifiċi tal-provvista mhijiex soġġetta għall-preżentazzjoni ta’ ċertifikat.

2. L-ewwel subparagrafu tal-ewwel (1) paragrafu ma japplikax għall-prodotti pproċessati fil-gżejjer minuri bl-użu ta' prodotti li jkunu bbenefikaw minn arranġamenti speċifiċi ta’ provvista li huma:

   a) esportati lejn pajjiżi terzi jew spediti lejn il-bqija tal-Unjoni fil-limiti tal-ispedizzjonijiet u l-esportazzjonijiet tradizzjonali. Dawn il-kwantitajiet huma stabbiliti mill-Kummissjoni permezz tal-att tal-implimentazzjoni;

   b) esportati lejn pajjiżi terzi bħala parti mill-flussi reġjonali ta’ kummerċ f’konformità mad-destinazzjonijiet u l-kundizzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni permezz ta’ att ta' implimentazzjoni;

   c) li jintbagħtu bejn il-gżejjer minuri;

   L-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti a) u b), mhijiex soġġetta għall-preżentazzjoni ta’ ċertifikat.

   Ma għandux jingħata rimbors għall-prodotti esportati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti a) u b).

3. Sabiex tintlaħaq il-mira tal-benefiċċju li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-arranġamenti speċifiċi ta’ provvista fil-kummerċ tradizzjonali, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta’ att delegat il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mill-operazzjonijiet tal-ipproċessar li jistgħu jwasslu għal esportazzjoni jew espedizzjoni reġjonali.

Artikolu 14

Kontrolli u sanzjonijiet

1. Il-prodotti agrikoli koperti mill-arranġamenti speċifiċi ta’ provvista għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli amministrattivi meta jiġu introdotti fil-gżejjer minuri kif ukoll meta jiġu esportati jew spediti minnhom.

   Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi ta' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta’ att ta' implimentazzjoni il-karatteristiċi minimi ta’ kontroll li għandha tapplika l-Greċja.

2. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-operatur, għajr f'każ ta' forza maġġuri jew ta' inċident klimatiku straordinarju, mal-impenji meħuda fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11, il-benefiċċju mogħti lid-detentur taċ-ċertifikat għandu jiġi rkuprat u r-reġistrazzjoni għandha tiġi sospiża jew imħassra skont is-serjetà tal-ksur.

Sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-operaturi parteċipanti fl-arranġamenti mal-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni għandha tiddetermina permezz ta' att delegat, il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu u t-trattament tat-talbiet ġodda għal ċertifikati mill-operatur.

KAPITOLU IV

MIŻURI FAVUR IL-PRODUZZJONIJIET AGRIKOLI LOKALI

Artikolu 15

Miżuri

1. Il-programm ta' għajnuna għandu jkun fih il-miżuri meħtieġa biex jiġu żgurati l-kontinwità u l-iżvilupp ta' produzzjonijiet agrikoli lokali fil-gżejjer minuri fl-ambitu tat-Titolu III, il-Parti Tlieta tat-Trattat.

2. Il-parti tal-programm iddedikata għall-miżuri favur il-prodotti agrikoli lokali għandha tinkludi tal-inqas l-elementi li ġejjin:

   a) deskrizzjoni kwantifikata tas-sitwazzjoni attwali ta' din il-produzzjoni agrikola li tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni disponibbli, li turi d-differenzi, in-nuqqasijiet u l-potenzjali għall-iżvilupp u r-riżorsi finanzjarji użati;

   b) deskrizzjoni tal-istrateġija proposta, il-prijoritajiet magħżula u l-għanijiet ġenerali u operattivi kwantifikati, u valutazzjoni li turi l-impatt ekonomiku, ambjentali u soċjali mistenni, inklużi l-effetti fuq l-impjiegi;

   c) deskrizzjoni tal-miżuri previsti, b'mod partikolari l-arranġamenti ta' għajnuna għall-implimentazzjoni tagħhom, u, fejn ikun meħtieġ, tagħrif dwar il-ħtiġijiet għal xi studji, proġetti dimostrattivi, azzjonijiet ta' taħriġ ta' assistenza teknika marbuta mat-tħejjija, l-implimentazzjoni jew l-adozzjoni tal-miżuri kkonċernati;

   d) il-lista tal-għajnuniet li jikkostitwixxu pagamenti diretti fis-sens tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009;

   e) l-ammont ta' għajnuna stabbilita għal kull miżura jew azzjoni bl-għan li jintlaħaq għan wieħed jew aktar tal-programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att ta' implimentazzjoni il-kundizzjonijiet uniformi tal-pagamenti tal-għajnuniet imsemmija fil-paragrafu 2.

4. Il-programm jista' jinkludi miżuri ta' għajnuna għall-produzzjoni, l-ipproċessar jew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti agrikoli tal-gżejjer minuri.

Kull miżura tista' tinqasam f'azzjonijiet. Għal kull azzjoni l-programm għandu jiddefinixxi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

a) il-benefiċjarji;

b) il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà;

c) l-għajnuna individwali;

d) il-limitu massimu.

Biex tingħata għajnuna għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti barra mir-reġjun tal-produzzjoni tagħhom, il-Kummissjoni tista' tadotta permezz ta' att delegat il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tal-ammont tal-għajnuna mogħtija skont it-tqegħid fis-suq u, jekk ikun il-każ, il-kwantitajiet massimi li jistgħu jaqgħu taħt din l-għajnuna.

Artikolu 16

Kontrolli u pagamenti mhux dovuti

1. Il-kontrolli tal-miżuri msemmija f'dan il-Kapitolu għandhom isiru permezz ta' kontrolli amministrattivi u dawk ta' fuq il-post.

2. F'każ ta' pagament mhux dovut, il-benefiċjarju kkonċernat għandu l-obbligu li jħallas lura l-ammonti inkwistjoni. L-Artikolu 80 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009[10] għandu japplika *mutatis mutandis*.

KAPITOLU V

MIŻURI TA' AKKUMPANJAMENT

Artikolu 17

Għajnuna mill-Istat

1. Għall-prodotti agrikoli koperti mill-Anness I għat-Trattat, li għalihom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tiegħu, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, f'konformità mal-Artikolu 108 tat-Trattat, fis-setturi tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' dawn il-prodotti, għajnuniet operattivi bil-għan li jittaffew ir-restrizzjonijiet tal-produzzjoni agrikola speċifiċi għall-gżejjer minuri minħabba l-iżolament, id-

[10] ĠU L 316, 2.12.2009, p. 65.

distanza, l-insularità, iċ-ċokon, il-muntanji, il-klima u d-dipendenza ekonomika minħabba l-ammont żgħir ta' prodotti.

2. Il-Greċja tista' tagħti finanzjament kumplimentari għall-implimentazzjoni tal-programm ta' għajnuna. F'dan il-każ, il-Greċja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u l-Kummissjoni għandha tapprovaha b'konformità ma' dan ir-Regolament tagħha bħala parti minn dawn il-programmi. Tali għajnuna notifikata għandha titqies bħala li qiegħda tkun notifikata fit-termini tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u b'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 180, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006[11], l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat ma għandhomx japplikaw għall-pagamenti li jkunu saru mill-Greċja, f'konformità ma' dan ir-Regolament, u bl-applikazzjoni tal-Kapitoli III u IV ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 18

Riżorsi finanzjarja

1. Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkostitwixxu interventi maħsuba għar-regolarizzazzjoni tas-swieq agrikoli fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005[12].

2. L-Unjoni għandha tiffinanzja l-miżuri previsti fil-Kapitoli III u IV għat-total ta' ammont annwali massimu ta' EUR 23,93 miljun.

3. L-ammont allokat annwalment għall-finanzjament tal-arranġamenti speċifiċi tal-provvista msemmi fil-Kapitolu III ma jistax jkun aktar minn EUR 6,56 miljun.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta' att ta' implimentazzjoni il-kundizzjonijiet uniformi li permezz tagħhom il-Greċja tista' temenda l-allokazzjoni tar-riżorsi allokati kull sena għall-prodotti differenti li jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista.

4. Sabiex tkun żgurata allokazzjoni raġonevoli u proporzjonata għall-miżuri ta' finanzjament tal-istudji, ta' proġetti dimostrattivi, tat-taħriġ u tal-miżuri ta' assitenza teknika, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta' att delegat ammont massimu annwali li jista' jiġi allokat għal dawn il-miżuri.

---

[11] ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7.
[12] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 19

Miżuri nazzjonali

Il-Greċja għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' kontrolli u sanzjonijiet amministrattivi, u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 20

Komunikazzjonijiet u rapporti

1. Il-Greċja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar ta' kull sena, dwar il-krediti li jkunu saru disponibbli għaliha biex tonfoqhom matul is-sena ta' wara għall-implimentazzjoni tal-bilanċ previst tal-provvista u dwar kull miżura favur il-produzzjoni agrikola lokali inkluża fil-programm ta' għajnuna.

2. Il-Greċja għandha tippreżenta quddiem il-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju kull sena, rapport dwar l-implimentazzjoni fis-sena preċedenti tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament.

3. Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016, u sussegwentement kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport ġenerali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li juri l-impatt tal-azzjonijiet meħuda taħt dan ir-Regolament, flimkien ma' proposti adegwati, fejn applikabbli.

Artikolu 21

Setgħat tal-Kummissjoni

Meta jingħataw setgħat lill-Kummissjoni, din għandha taġixxi b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 22, fil-każ ta' atti delegati, u b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25, fil-każ ta' atti ta' implimentazzjoni.

Artikolu 22

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija f'dan ir-Regolament għal perjodu mhux determinat.

2. Hekk kif il-Kummissjoni tadotta att delegat, din għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan fl-istess waqt.

3. Is-setgħa biex tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġett għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 23 u 24.

Artikolu 23

Revoka tad-delega

1. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 22, paragrafu 1, tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċess intern sabiex tiddeċiedi jekk għandhiex tirrevoka d-delega tas-setgħa għandha tinforma lil-leġiżlatur l-ieħor u lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn xahar qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li tindika s-setgħat delegati li jistgħu jiġu revokati kif ukoll ir-raġunijiet għal dan.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'din id-Deċiżjoni. Din tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data ulterjuri speċifikata. Din m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Artikolu 24

Oġġeżżjonijiet għal atti delegati

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jqajmu oġġezzjonijiet fir-rigward tal-att delegat fi żmien xahrejn mid-data ta' notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.

2. Jekk, wara li jintemm dan il-perjodu la l-Parlament Ewropew u anqas il-Kunsill ma jkunu ressqu oġġezzjoni fir-rigward ta' dan l-att delegat, jew jekk, qabel din id-data, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux sejrin iqajmu oġġezzjonijiet, l-att delegat jidħol fis-seħħ fid-data prevista fid-dispożizzjonijiet tiegħu.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill iqajmu oġġezzjonijiet fir-rigward tal-att delegat, dan ma jidħolx fis-seħħ. L-istituzzjoni li tqajjem l-oġġezzjonijiet kontra l-att delegat għandha tispjega r-raġunijiet.

Artikolu 25

Atti ta' implimentazzjoni – Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tal-Pagamenti Diretti mwaqqaf permezz tal-Artikolu 141 tar-Regolament (KE) Nru. 73/2009.

2. Meta l-atti ta' implimentazzjoni jiġu adottati skont ir-Regolament preżenti, l-Artikolu [5] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/yyyy] (li għandu jitlesta wara l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll, kif jissemma fl-Artikolu 291(3) tat-TFUE, li fil-preżent qed jiġi diskuss fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill) japplika. (proċedura ta' eżaminazzjoni).

Artikolu 26

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 1405/2006 huwa revokat.

Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

Artikolu 27

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-[…] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.]

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi […],

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 1405/2006	Ir-Regolament preżenti
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 3(1)
Artikolu 3	Artikolu 8
Artikolu 4(1)	Artikolu 9(1)
Artikolu 4(2)	Artikolu 10
Artikolu 4(3)	Artikolu 12(1)
Artikolu 5	Artikolu 13
Artikolu 7(1)	Artikolu 15(1)
Artikolu 7(2)	Artikolu 3(2)
Artikolu 8	Artikolu 4
Artikolu 9(a) u (b)	Artikolu 15(2)
Artikolu 9(c), (d), (e) u (f)	Artikolu 5
Artikolu 10	Artikolu 7, it-tieni (2) subparagrafu
Artikolu 11	Artikolu 17
Artikolu 12	Artikolu 18
Artikolu 13	Artikolu 6(1)
Artikolu 14(a)	Artikolu 6(2) u (3)
Artikolu 14(b)	Artikolu 7, l-ewwel (1) subparagrafu u l-Artikolu 14(1), it-tieni (2) subparagrafu
Artikolu 16	Artikolu 19
Artikolu 17	Artikolu 20
Artikolu 18	Artikolu 26
Artikolu 21	Artikolu 27

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA

FicheFin/10/642710
RVDE
6.13.2010.1
DATA:

1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT: 05 02 11 04 & 05 03 02 51	KREDITI: EUR 231 miljun u EUR 18 miljun
2.	TITOLU TAL-MIŻURA: Proposta għal Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fil-gżejjer minuri fil-baħar Eġew	
3.	BAŻI LEGALI: L-Artikoli 42 u 43 tat-Trattat	
4.	GĦANIJIET TAL-MIŻURA: L-allinjament mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)	

5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (f'miljuni ta' EUR)	IS-SENA FINANZJARJA PREŻENTI [2010] (f'miljuni ta' EUR)	IS-SENA FINANZJARJA LI JMISS [2011] (f'miljuni ta' EUR)
5.0	NEFQA LI TITĦALLAS - MILL-BAĠIT TAL-UE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - MILL-BAĠITS NAZZJONALI - SETTURI OĦRAJN	[1]	-	-
5.1	DĦUL - IR-RIŻORSI PROPRJI TAL-UE (IMPOSTI/ĦLASIJIET DOGANALI) - FUQ IL-PJAN NAZZJONALI	-	-	-

	2012	2013	2014	2015
5.0.1 PREVIŻJONIJIET TAL-INFIQ	(1)	(1)	(1)	(1)
5.1.1 PREVIŻJONIJIET TAD-DĦUL	(1)	(1)	(1)	(1)

5.2	METODU TA' KALKOLU:	
6.0	IL-FINANZJAMENT HUWA POSSIBBLI PERMEZZ TA' KREDITI MNIŻŻLA FIL-KAPITOLU LI JIKKONĊERNA L-BAĠIT PREŻENTI	IVA ~~LE~~
6.1	IL-FINANZJAMENT HUWA POSSIBBLI PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT PREŻENTI	~~IVA LE~~
6.2	HUWA MEĦTIEĠ BAĠIT SUPPLIMENTARI	~~IVA LE~~
6.3	IL-KREDITI GĦANDHOM JITNIŻŻLU FIL-BAĠITS TAL-FUTUR	IVA ~~LE~~

OSSERVAZZJONIJIET:

Dawn il-programmi għandhom livell għoli ta' implimentazzjoni. Għalkemm l-emendi proposti fir-Regolament (KE) Nru 1405/2006 tal-Kunsill ma jemendawx l-ammont annwali massimu, l-ammont massimu tal-arranġamenti speċjali tal-provvista jinbidel għall-EUR 6.56 miljun, li se jwassal għall-allokazzjoni differenti tar-riżorsi, li jista' jkollha impatt fuq ir-rata tan-nefqa. Madankollu, f'dan l-istadju, dan l-impatt possibbli ma jistax jiġi mkejjel.